MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 187/2005

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Conrad Pace**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn ix-xahar ta' Dicembru, 2000 u x-xahar ta' Jannar, 2001, bhala impjegat mad-ditta maghrufa bhala "Dominic Department Stores Ltd", li ghandha l-imhazen taghha gewwa Hal-Qormi u waqt li kien fl-imsemmija mhazen kif ukoll fl-istores li l-istess kumpanija ghandha gewwa B'Kara, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:**

**1) appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ LM82.04 minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata lilu jew ikkunsinnata lilu taht titlu illi jgib mieghu obbligu tar-radd tal-haga jew li jzir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu tal-propjetarju Domenic Sultana minn Ghawdex;**
**2) b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda’ b’qerq iehor, ingann, jew billi wera’ haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ entraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ LM82.04 ghad-dannu tal-istess Domenic Sultana;**
**3) ikkommetta l-imsemmija delitti waqt ix-xoghol tal-professjoni tieghu mall-imsemmija ditta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-1 ta’ Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 293 u 28A tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati tal-ewwel akkuza w ikkundannatu ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett snin waqt li sabitu mhux hati tat-tieni akkuza sussidjarja ta’ truffa w illiberatu minnha. Idderigiet inoltre lill-imputat ihallas is-somma ta’ LM82.04 bhala restituzzjoni taht l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Gunju, 2005 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata u dan billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-esponent Conrad Pace hati tat-tieni akkuza sussidjarja ta’ truffa, fil-waqt li thassar, tirrevoka w tikkancella l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-esponent hati ta’ approprjazzjoni ndebita w konsegwentement tilliberah minnha w minn kull piena nflitta jew alternattivament tvarja s-sentenza appellata biss ghal dak li jirrigwarda l-piena billi tinfliggi piena anqas oneruza fuq l-appellant.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. li mill-provi tal-prosekuzzjoni ma hemmx provi sufficjenti biex l-appellant jinstab hati, meta wiehed iqis l-ispjegazzjoni tal-appellant fix-xhieda tieghu ; li hafna mill-provi imressqa mill-prosekuzzjoni ma kienux rilevanti u madankollu l-Ewwel Qorti strahet fuq dawn il-provi rrilevanti u fuq xhieda li l-kredibilita' taghhom wiehed ried jikkontrollha; 2. li l-Ewwel Qorti ghamlet riferenza ghal dokument li fih jindika li l-appellant ghamel ammissjoni ta' mizapproprjazzjoni u peress li r-rekwiziti tal-artikolu 685 tal-Kap. 9 ma gewx osservati, l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tistrieh fuq fdin id-dikjarazzjoni; 3. li l-piena erogata hija wahda gravuza tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, meta l-ammont involut kien dak ta' LM82.04c, li l-appellant hu *"first time offender*" u meta l-piena preskritta kienet wahda minn tlitt xhur sa tmintax il-xahar.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezament li ghamlet l-Ewwel Qorti . Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik**

**l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**." [12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper" **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt", **deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz ,*

*tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti w ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi minuzjuz u dettaljat li ghamlet l-Ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni w ta' nuqqas ta' htija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni. Irrizulta bl-aktar mod konkluziv - indipendentement minn kull dikjarazzjoni jew skrittura li ghamel l-appellant – li hu kien zamm flus ghalih minn biegh li hu kien ghamel lill-klienti tas-socjeta' kwerelanti li kien impjegat maghha w, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, dan kien jammonta ghar-reat ta' mizappropriazzjoni addebitat lill-appellant. Din il-Qorti mhux biss ma tarax li ghandha tiddisturba din il-konkluzzjoni izda tikkondividiha pjenament wara li ezaminat il-provi traskritti. Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tieni aggravju li jghid li peress li r-rekwiziti tal-artikolu 685 tal-Kap.9 ma gewx osservati, l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tistrieh fuq din id-dikjarazzjoni biex issib htija fl-appellant, jigi fl-ewwel lok precizat ghall-korrettezza, li l-artikolu tal-ligi invokat u ccitat mill-appellant mhux l-artikolu 685 imma 658 tal-Kodici Kriminali.

Dan l-artikolu li jirrigwarda l-volontarjeta' tal-konfessjoni tal-akkuzat jeskludi tali volontarjeta' meta l-haga li jistqarr l-akkuzat tkun giet imgieghla jew mehuda b' theddid jew biza' , jew b' weghdiet jew xi twebbil ta' vantagg. L-appellant allega li meta hu ffirma l-iskrittura (Dok. PB16 a fol. 40 tal-process) fejn kien iddikjara li fil-kors tal-impieg

tieghu ma Domenic Department Stores Limited kien ha u zamm ghalih xi oggetti mill-istess negozju kif ukoll xi flus ricevuti minnu bhala prezz ta' oggetti mibjugha w intrabat li sal-gurnata ta' wara jforni lill-principal tieghu lista dettaljata ta' l-oggetti kollha u tal-flus mehuda minnu u li jhallas lura l-flus kollha dovuti fi zmien li kellu jigi stabilit mill-istess principal, dan kien sar taht pressjoni, ghajjat, dagha u minaccja li ma johrogx minn hemm gew jekk ma jiffirmax. L-Ewwel Qorti dahlet sew f' din l-allegazzjoni w quddiemha sar konfront bejn l-appellant, l-employer tieghu Sultana u il-mibki Dr. Michael Grech li kien prezenti bhala l-legali tad-ditta w dawn iz-zewg xhieda jichdu kategorikament li kien hemm xi agir simili. L-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha kellha kull dritt li tiskarta l-allegazzjoni tal-appellant u taccetta dik ta' Sultana u Dr. Grech bhala aktar attendibbli w ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward ta' din il-konfessjoni tal-appellant meta rriteniet li kienet konfessjoni valida w li taghmel prova kontra l-appellant. F' kull kaz pero', kif gja intqal, anki kieku ma kienx hemm din il-konfessjoni l-Ewwel Qorti kellha provi bizzejjed ohrajn biex tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

**Illi dwar l-ahhar aggravju fuq il-piena, gie dejjem ritenut li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.).**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi. L-ewwel Qorti ovvjament applikat il-piena ta' prigunerija sospiza wara li hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali kwazi netta tal-appellant u xejn ma kien izommha milli tapplika l-piena ta' prigunerija esegwibbli minnufieh. Ghalhekk l-Ewwel Qorti jidher li gja hadet dan il-fattur in konsiderazzjoni. Illi l-Ewwel Qorti lanqas applikat il-piena fil-massimu taghha u**

**lanqas applikat il-periodu massimu li fih is-sentenza ghandha tibqa' sospiza. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda lok ghal xi temperament ulterjuri.**

**Ghall dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------